**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Ġunju, 2018.**

**Talba Nru: 358/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**RUSSO Salvatore**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-8 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tmien mija u ħamsa u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€825.71ċ) dovuta in konnessjoni ma’ servizzi elettroniċi ta` komunikazzjoni migbura fil-kont numru 40496018, wara li l-konvenut baqa’ ma ħallasx minkejja d-diversi interpellanżi tas-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` attriċi talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta` attriċi (Dok. B, fol. 4); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. C, fol. 5); u (iv)

affidavit ta` Charmaine Psaila Raji, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li fih iddikjara li l-ammont mitlub huwa dovut (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2018, Mayanne Camilleri għas-soċjeta` attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tmien mija u ħamsa u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€825.71ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**